StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża
PARVA PARVORUM PULCHRA

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2012

IL-ĦAMES SENA MALTI (Is-Smigħ) ĦIN: 30 minuta

# Il-Ktejjeb tal-Għalliema

**Nota:**

**Dan l-iskript jinqara biss f'każ li d-diska kompatta ma taħdimx.**



www.StudentBounty.com

**Merħba! Matul dan l-eżami tas-smigħ ser tisimgħu silta bl-isem ta' RAĠEL ONEST. Għal issa żommu l-karta wiċċha 'l isfel u isimgħu l-istorja b'attenzjoni.**

**(Pawża ta' 4 sekondi)**

## Raġel Onest

***L-Ewwel Parti***

Ħafna żmien ilu r-Re Frodolino kien jiggverna biċċa art kbira fil-Persja. Ir-residenti kienu jħobbuh immens lil dan ir-re għax kien jimxi b'mod ġust ma' kulħadd. Darba fost l-oħrajn l-ixjaħ qaddej tar-re, li kien l-aktar qaddej fdat mir-Re Frodolino, tah ħass ħażin ikrah u ħalla din id-dinja.

Re Frodolino inkwieta mhux ftit. Il-qaddej xiħ li miet kien jieħu ħsieb it-teżori rjali li kienu jinsabu fil-kantina kbira tal-palazz. In-nuqqas ta' dan il-qaddej kien ifisser li kellu bżonn lil xi ħaddieħor jieħu post il-qaddej xiħ.

Ir-re ħaseb fuq li ħaseb. Ried joqgħod attent li jaħtar lil xi ħadd sinċier u mhux xi ħalliel li jkaxkar ir-rikezzi rjali. Imma aktar kemm beda jaħseb, aktar beda jara kemm hi biċċa xogħol iebsa li jsib raġel onest għal dan ix-xogħol. Beda jtella' u jniżżel. Sa fl-aħħar qatagħha li jkellem lill-konsulent tiegħu li kien bniedem għaref u moħħu jilħaqlu. Dan dejjem tah pariri siewja.

*It-Tieni parti*

Meta sema' bix-xewqa tar-re, l-konsulent ammetta li ma kinitx deċiżjoni faċli iżda qal li jrid ftit żmien biex jaħseb fi pjan tajjeb. L-għada, meta lanqas biss kien għadu sebaħ sew, il-konsulent ħabbat fuq il-bieb tal-uffiċċju ta' Re Frodolino.

Il-konsulent qal lir-re biex jorganizza festa u joħroġ stedina għal kull raġel li jixtieq li jkun gwardja tat-teżori rjali. Ir-re tħawwad imma ma tkellem xejn. Re Frodolino għamel kif qallu l-konsulent. Ħejja festa kbira u stieden lil dawk kollha li riedu jkunu l-gwardji tat-teżori tal-palazz. Kif kien jasal, kull raġel kien jingħata direzzjonijiet minn fejn jgħaddi biex jasal sas-sala fejn kienet ser issir il-festa. L-irġiel kellhom jgħaddu minn passaġġ dejjaq u twil. Fuq kull naħa ta' dan il-passaġġ kien hemm xkejjer mimlijin sa fuq nett b'muniti tad-deheb u l-fidda.

Wara li kulħadd kiel u xorob, il-konsulent kellem lill-irġiel li kienu preżenti. 'Nittama li ħadtu gost u għoġobkom l-ikel u x-xorb li ħejjejnielkom. Ix-xewqa tar-re hi li jarakom tiżfnu.'

Waqa' skiet kbir u ħadd ma ċċaqlaq. Imbagħad hekk kif bdiet il-mużika, ħafna rġiel bdew iġibu l-iskużi .... ħlief wieħed li mexa 'l quddiem, sellem lil Re Frodolino u b'ħeffa liema bħalha beda jaqbeż u jogħla mal-mużika ferriħija.

Il-konsulent mar ħdejn ir-re u minn taħt l-ilsien qallu, 'Dan huwa r-raġel onest li jixraqlu jkun il-gwardja tat-teżori tiegħek. L-irġiel l-oħra kollha ħadu mill-muniti li kien hemm fl-ixkejjer. Għalhekk ma żifnux. Il-flus fi bwiethom kienu jċekċku, saħasitra jaqgħu mal-art ... imma dan le. Dan ma ħa xejn u ma beżax joħroġ jiżfen.'



www.StudentBounty.com

Għajnejn ir-Re Frodolino xegħlu. Lill-konsulent tah rigal sabiħ għall-intelliġenza tiegħu, ir-raġel li ħareġ jiżfen intgħażel bħala l-gwardja tat-teżor u s-suldati fittxew għall-muniti misruqa mill-mistednin li ġew imkeċċija u mniżżla fil-lista tan-nies mhux fdati.

**Issa tfal, intom tistgħu tiftħu l-karta u tħarsu lejn il-mistoqsijiet. Ħa naqra l-mistoqsijiet iżda intom ma tistgħux tiktbu t-tweġibiet tagħkom. Kif inlesti mill-qari tal-mistoqsijiet agħlqu l-karta u aqilbuha wiċċha 'l isfel.**

(Pawża ta' 4 sekondi)

**Immarka X fil-kaxxa t-tajba**

**L-Ewwel Parti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ir-Re li kien jiggverna l-Persja kien jismu | | Fredolino. |
| | | | Fragolino. |
| | | | Frodolino. |
| | | | Frisolino. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | Ir-re kien | | kattiv. |
| | | | supperv. |
| | | | jirrabja mix-xejn. |
| | | | ġust ma' kulħadd. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | Il-qaddej ix-xiħ | | kien trux. |
| | | | kien fdat. |
| | | | kien prużuntuż. |
| | | | kien ferrieħi. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | X'ġaralu l-qaddej ix-xiħ? | | Tah attakk tal-qalb. |
| | | | Waqa' t-taraġ tal-palazz. |
| | | | Tah ħass ħażin u miet. |
| | | | Ġie maqtul. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | X'kien jieħu ħsieb dan il-qaddej ix-xiħ? | | It-teżori tar-renju. |
| | | | Il-gwardjani tar-renju. |
| | | | L-armata tar-renju. |
| | | | Il-ġonna tal-palazz. |

(Pawża ta' 4 sekondi)



www.StudentBounty.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | X'kien l-inkwiet tar-re? | | Kif se jgħodd il-flus li kellu. |
| | | | Kif se jsib gwardjan li jafda. |
| | | | Kif se jqassam il-ġid tiegħu. |
| | | | Kif se jkellem lill-konsulent. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. * | ''Beda jtella' u jniżżel'' tfisser: | | beda tiela' u nieżel it-taraġ. |
| | | | beda jinżillu ħafna għaraq. |
| | | | dam biex ħa deċiżjoni. |
| | | | bdiet titlagħlu l-leħja. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

**It-Tieni Parti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8. | Kemm dam il-konsulent jaħseb fi pjan? | | Ġimgħa. |
| | | | Erbat ijiem. |
| | | | Jumejn. |
| | | | Ġurnata waħda. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9. | Fejn tkellem il-konsulent mar-re dwar il-pjan tiegħu? | | Fil-Kamra tar-Re. |
| | | | Fis-Sala tal-ikel. |
| | | | Fl-uffiċċju. |
| | | | Ħdejn it-taraġ. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. | Kif ħassu r-re meta sema' bil-pjan? | | Ferħan. |
| | | | Konfuż. |
| | | | Imbeżża'. |
| | | | Imdejjaq. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | Biex kienu mimlijin l-ixkejjer fil-passaġġ? | | Flus tad-deheb u l-fidda. |
| | | | Affarijiet prezzjużi. |
| | | | Kuruni tar-rejiet. |
| | | | Ġojjelli u djamanti. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. | Skont il-konsulent, għaliex l-irġiel l-oħra ma ħarġux jiżfnu? | | Għax ma kinux jafu jiżfnu. |
| | | | Għax bdew jistħu. |
| | | | Ma kienx hemm spazju. |
| | | | Il-flus li ħadu kienu jċekċku. |



www.StudentBounty.com

(Pawża ta' 4 sekondi)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 13. * | ''Minn taħt l-ilsien ….'' tfisser: | | Kellmu b'leħen għoli. |
| | | | Ma bediex jinftiehem. |
| | | | Kellmu b'leħen baxx. |
| | | | Kellmu b'ilsien ieħor. |

(Pawża ta' 4 sekondi)

**Fuq l-istorja kollha.**

**Imla l-vojt billi tkompli s-sentenzi skont dak li smajt:**

14. Il-konsulent dejjem kien jagħti pariri _____________ (Pawża ta' 4 sekondi) lir-Re Frodolino.
15. Li jingħażel gwardjan għat-teżori rjali ma kinitx deċiżjoni ____________. (Pawża ta' 4 sekondi)
16. Il-passaġġ li għaddew minnu l-mistednin kien ____________ (Pawża ta' 4 sekondi) u twil.
17. L-irġiel ma ridux jiżfnu u bdew iġibu ħafna ______________. (Pawża ta' 4 sekondi)
18. Is- _______________ (Pawża ta' 4 sekondi) fittxew għall-muniti misruqa mill-mistednin.

**Aqilbu l-karta wiċċha 'l isfel u isimgħu t-tieni qari tas-silta. Ma tistgħu tiktbu xejn.**

(Pawża ta' 4 sekondi)

**Raġel Onest**

***L-Ewwel Parti***

Ħafna żmien ilu r-Re Frodolino kien jiggverna biċċa art kbira fil-Persja. Ir-residenti kienu jħobbuh immens lil dan ir-re għax kien jimxi b'mod ġust ma' kulħadd. Darba fost l-oħrajn l-ixjaħ qaddej tar-re, li kien l-aktar qaddej fdat mir-Re Frodolino, tah ħass ħażin ikrah u ħalla din id-dinja.

Re Frodolino inkwieta mhux ftit. Il-qaddej xiħ li miet kien jieħu ħsieb it-teżori rjali li kienu jinsabu fil-kantina kbira tal-palazz. In-nuqqas ta' dan il-qaddej kien ifisser li kellu bżonn lil xi ħaddieħor jieħu post il-qaddej xiħ.



www.StudentBounty.com

Ir-re ħaseb fuq li ħaseb. Ried joqgħod attent li jaħtar lil xi ħadd sinċier u mhux xi ħalliel li jkaxkar ir-rikezzi rjali. Imma aktar kemm beda jaħseb, aktar beda jara kemm hi biċċa xogħol iebsa li jsib raġel onest għal dan ix-xogħol. Beda jtella' u jniżżel. Sa fl-aħħar qatagħha li jkellem lill-konsulent tiegħu li kien bniedem għaref u moħħu jilħaqlu. Dan dejjem tah pariri siewja.

*It-Tieni parti*

Meta sema' bix-xewqa tar-re, l-konsulent ammetta li ma kinitx deċiżjoni faċli iżda qal li jrid ftit żmien biex jaħseb fi pjan tajjeb. L-għada, meta lanqas biss kien għadu sebaħ sew, il-konsulent ħabbat fuq il-bieb tal-uffiċċju ta' Re Frodolino.

Il-konsulent qal lir-re biex jorganizza festa u joħroġ stedina għal kull raġel li jixtieq li jkun gwardja tat-teżori rjali. Ir-re tħawwad imma ma tkellem xejn. Re Frodolino għamel kif qallu l-konsulent. Ħejja festa kbira u stieden lil dawk kollha li riedu jkunu l-gwardji tat-teżori tal-palazz. Kif kien jasal, kull raġel kien jingħata direzzjonijiet minn fejn jgħaddi biex jasal sas-sala fejn kienet ser issir il-festa. L-irġiel kellhom jgħaddu minn passaġġ dejjaq u twil. Fuq kull naħa ta' dan il-passaġġ kien hemm xkejjer mimlijin sa fuq nett b'muniti tad-deheb u l-fidda.

Wara li kulħadd kiel u xorob, il-konsulent kellem lill-irġiel li kienu preżenti. 'Nittama li ħadtu gost u għoġobkom l-ikel u x-xorb li ħejjejnielkom. Ix-xewqa tar-re hi li jarakom tiżfnu.'

Waqa' skiet kbir u ħadd ma ċċaqlaq. Imbagħad hekk kif bdiet il-mużika, ħafna rġiel bdew iġibu l-iskużi .... ħlief wieħed li mexa 'l quddiem, sellem lil Re Frodolino u b'ħeffa liema bħalha beda jaqbeż u jogħla mal-mużika ferriħija.

Il-konsulent mar ħdejn ir-re u minn taħt l-ilsien qallu, 'Dan huwa r-raġel onest li jixraqlu jkun il-gwardja tat-teżori tiegħek. L-irġiel l-oħra kollha ħadu mill-muniti li kien hemm fl-ixkejjer. Għalhekk ma żifnux. Il-flus fi bwiethom kienu jċekċku, saħasitra jaqgħu mal-art ... imma dan le. Dan ma ħa xejn u ma beżax joħroġ jiżfen.'

Għajnejn ir-Re Frodolino xegħlu. Lill-konsulent tah rigal sabiħ għall-intelliġenza tiegħu, ir-raġel li ħareġ jiżfen intgħażel bħala l-gwardja tat-teżor u s-suldati fittxew għall-muniti misruqa mill-mistednin li ġew imkeċċija u mniżżla fil-lista tan-nies mhux fdati.

**Issa tistgħu tiftħu l-karta u twieġbu l-mistoqsijiet. Immarkaw b'mod ċar tweġiba waħda biss għal kull mistoqsija. Għandkom 8 minuti biex tagħmlu dan.**
(Pawża ta' 8 minuti)

**Se naqralkom it-test għat-tielet u l-aħħar darba. Tistgħu tkomplu xi mistoqsijiet li ħallejtu barra waqt dan it-tielet qari.**
(Pawża ta' 4 sekondi)

Raġel Onest

*L-Ewwel Parti*



www.StudentBounty.com

Ħafna żmien ilu r-Re Frodolino kien jiggverna biċċa art kbira fil-Persja. Ir-residenti kienu jħobbuh immens lil dan ir-re għax kien jimxi b'mod ġust ma' kulħadd. Darba fost l-oħrajn l-ixjaħ qaddej tar-re, li kien l-aktar qaddej fdat mir-Re Frodolino, tah ħass ħażin ikrah u ħalla din id-dinja.

Re Frodolino inkwieta mhux ftit. Il-qaddej xiħ li miet kien jieħu ħsieb it-teżori rjali li kienu jinsabu fil-kantina kbira tal-palazz. In-nuqqas ta' dan il-qaddej kien ifisser li kellu bżonn lil xi ħaddieħor jieħu post il-qaddej xiħ.
Ir-re ħaseb fuq li ħaseb. Ried joqgħod attent li jaħtar lil xi ħadd sinċier u mhux xi ħalliel li jkaxkar ir-rikezzi rjali. Imma aktar kemm beda jaħseb, aktar beda jara kemm hi biċċa xogħol iebsa li jsib raġel onest għal dan ix-xogħol. Beda jtella' u jniżżel. Sa fl-aħħar qatagħha li jkellem lill-konsulent tiegħu li kien bniedem għaref u moħħu jilħaqlu. Dan dejjem tah pariri siewja.

*It-Tieni parti*

Meta sema' bix-xewqa tar-re, l-konsulent ammetta li ma kinitx deċiżjoni faċli iżda qal li jrid ftit żmien biex jaħseb fi pjan tajjeb. L-għada, meta lanqas biss kien għadu sebaħ sew, il-konsulent ħabbat fuq il-bieb tal-uffiċċju ta' Re Frodolino.

Il-konsulent qal lir-re biex jorganizza festa u joħroġ stedina għal kull raġel li jixtieq li jkun gwardja tat-teżori rjali. Ir-re tħawwad imma ma tkellem xejn. Re Frodolino għamel kif qallu l-konsulent. Ħejja festa kbira u stieden lil dawk kollha li riedu jkunu l-gwardji tat-teżori tal-palazz. Kif kien jasal, kull raġel kien jingħata direzzjonijiet minn fejn jgħaddi biex jasal sas-sala fejn kienet ser issir il-festa. L-irġiel kellhom jgħaddu minn passaġġ dejjaq u twil. Fuq kull naħa ta' dan il-passaġġ kien hemm xkejjer mimlijin sa fuq nett b'muniti tad-deheb u l-fidda.

Wara li kulħadd kiel u xorob, il-konsulent kellem lill-irġiel li kienu preżenti. 'Nittama li ħadtu gost u għoġobkom l-ikel u x-xorb li ħejjejnielkom. Ix-xewqa tar-re hi li jarakom tiżfnu.'

Waqa' skiet kbir u ħadd ma ċċaqlaq. Imbagħad hekk kif bdiet il-mużika, ħafna rġiel bdew iġibu l-iskużi .... ħlief wieħed li mexa 'l quddiem, sellem lil Re Frodolino u b'ħeffa liema bħalha beda jaqbeż u jogħla mal-mużika ferriħija.

Il-konsulent mar ħdejn ir-re u minn taħt l-ilsien qallu, 'Dan huwa r-raġel onest li jixraqlu jkun il-gwardja tat-teżori tiegħek. L-irġiel l-oħra kollha ħadu mill-muniti li kien hemm fl-ixkejjer. Għalhekk ma żifnux. Il-flus fi bwiethom kienu jċekċku, saħasitra jaqgħu mal-art ... imma dan le. Dan ma ħa xejn u ma beżax joħroġ jiżfen.'

Għajnejn ir-Re Frodolino xegħlu. Lill-konsulent tah rigal sabiħ għall-intelliġenza tiegħu, ir-raġel li ħareġ jiżfen intgħażel bħala l-gwardja tat-teżor u s-suldati fittxew għall-muniti misruqa mill-mistednin li ġew imkeċċija u mniżżla fil-lista tan-nies mhux fdati.

**Tfal, issa tistgħu tiċċekkjaw il-karta u tkomplu dawk il-mistoqsijiet li m'għamiltux.**
(Pawża ta' 4 minuti)



www.StudentBounty.com

Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa. Saħħa tfal!



www.StudentBounty.com